MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 1746/2001/1

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Radio & TV Centre Co. Ltd.**
**U**
**Joseph Attard.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikorsipprezentat fit-2 ta' Novembru, 2001 li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi b' rizoluzzjoni mehuda f' laqgha straordinarja tal-azzjonisti tahha tas-17 ta' Dicembru 1997 l-isem tas-socjeta' esponeneti nbidel minn Mid-Med Bank Limied hal Mid-Med Bank p.l.c. u b' rizoluzzjoni mehuda f' laqgha straordinarja tal-azzjonisti

taghha tat-18 t’ Awwissu 1999 l-isem tas-socjeta’ esponenti nbidel minn Mid-Med Bank p.l.c. ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b’ efett mill-1 ta’ Dicembru, 1999.

Illi r-rikorrent ha sentenza kontra l-intimat fl-ismijiet Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Mid-Med Bank Limited –vs- Joseph Attard, Mario Attard u Lina Attard ilkoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-Kumpannija “Radio & TV Centre Company Limited” u l-istess Joseph Attard garanti solidali deciza fil-15 ta’ Dicembru, 1992 li pepezz taghha l-konvenuti gew kanonizzati debituri tal-attur.

Illi qed tigi anness kopja uficjali ta’ dik is-sentenza Dok. A.

Illi ghaddew hames snin mid-data ta’ dik is-sentenza u d-debitu kanonizzat ghadu ma thallas kollu (vide anness propett Dok B).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrendi ezegwibbli s-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph Attardipprezentata fl-1 t’ April, 2002 li permezz taghha espona bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok t-talba hija itwali billi s-socjeta attrici ma kelliex titlob li s-sentenza moghtija tigi reza esegwibbli mill-gdid izda li jkun hemm awtorizazzjoni tat-titolu originali. U dan billi s-sentenza moghtija hija biss mezz ghal fini u ma hiex t-titolu originali fiha innifisha. (Vide sentenza tal-5 ta’ Otturbru 1920 pag 239 Vol. XXIV Giuseppe Buhagiar vs Concetta Vella).

2. Illi fit-tieni lok u minhajr pregudizzju ghal dak hawn sottopost hmm ukoll l-preskrizzjoni kwinkwennali tat-titolu ghax jekk jigi accetat li (u dan kuntrarjament ghal dan hawn sottomess fl-ewwel lok) s-sentenza hija titolu

fiha innifisha u allura saret il-kawza li tipproduci l-effett dan jfisser li hemm novazzjoni gudizzjarja li taqa taht l-artikolu(sic)

3. Illi fit-tielet lok u dan ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost jrid jinghad li s-sentenza moghtija fil-1 ta' Dicembru 1992 giet diga reza esegwibbli billi diga' intalab il-bejgh in subbasta tal-oggetti proprjeta' tal-istess u kwindi ma tistax tera tintalab mill-gdid se mai kellha jitkomplew l-proceduri mibdija. L-fatt li dawn gew abbandunati nofs triq jfisser u jaghti xhieda legalment li l-imsemmija socjeta' rrinunzjat ghal kreditu taghha u ghalhekk dan ma huwhiex aktar dovut.

4. Illi fir-raba lok u dan ukoll minghajr predgudizzju ghas-suespost jrid jinghad li din it-talba hija inkonflitt ma talba ohra fl-istess ismijiet fil-kawza li hmm pendenti ukoll quddiem l-istess Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-eccezzjonijiet ta' l-intimati mill-ewwel jidhru illi huma intavolati kif nghidu, *tanto per* u f' certu sens difficli li jinftehmu.

Ma hemmx kontestazzjoni li s-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimati permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Dicembru, 1992. Billi ghaddew iktar minn hames snin ir-rikorrenti kellhom bil-fors skond l-Artikolu 258 tal-Kap.12 jitolbu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jesegwixxu s-sentenza. Ir-rikorrenti talbu li s-sentenza in kwistjoni tigi resha esegwibbli. Dan ghaliex altrimenti ma tkunx esegwibbli. Ghalhekk il-Qorti ma ssib xejn hazing fit-talba u l-ewwel eccezzjoni tal-intimati hija biss esercizzju fis-sofizmu.

It-tieni eccezzjoni hija altrettantu insostenibbli ghaliex sentenza tal-Qorti ma ssir qatt preskritta.

Kwantu ghat-tielet eccezzjoni l-fatt li r-rikorrenti abbandunaw proceduri ta' subasta ma jfissirx illi b' daqshekk irrinunzjaw ghal xi dritt akkwisit.

Dwar ir-raba eccezzjoni ma ngabu ebda provi u ghalhekk se tigi ukoll respinta.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------